

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma tistax tibbaża ruħha fuq rapport ta' investigazzjoni stabbilit permezz ta' provi miġbura illegalment sabiex tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha li tissospendi l-pagamenti dovuti lir-rikorrenti u dan, fl-intier tagħhom. Ir-rikorrenti ssostni, f'dan is-sens, li sa fejn il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq provi miġbura illegalment, kemm is-sospensjoni tal-ħlasijiet kif ukoll ix-xoljiment tal-kuntratti ta' sussidju huma illegali.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, sa fejn il-konklużjoni tad-diversi rapporti tekniċi ta' verifika kienet, mingħajr eċċezzjoni, li r-rikorrenti kienet tuża r-riżorsi skont il-prinċipji ta' ekonomija, ta' effiċjenza u ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni ma tistax tallega li kkonstatat b'mod validu li fil-kuntest ta' sussidji oħra r-rikorrenti wettqet irregolaritajiet li huma tali li jiġġustifikaw jew ix-xoljiment jew is-sospensjoni tal-pagamenti kollha fil-kuntratti ta' sussidju inkwistjoni. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni fil-ftehimiet ta' sussidju hija l-unika forma ta' finanzjament tar-rikorrenti u mingħajr ebda dubju l-assenza ta' proġetti Ewropej ġodda twassalha għall-falliment.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni, b'mod gravi u manifest, injorat il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħha, fatt li jista' jagħti lok għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni. Ir-rikorrenti allegatament sofriet dannu marbut mar-reputazzjoni tagħha u man-numru ta' ordnijiet li tirċievi, u dan inaqqas kunsiderevolment, jekk mhux saħansitra jgħib fix-xejn, kull perspettiva ta' parteċipazzjoni, fil-ġejjieni, għal proġetti Ewropej ġodda. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni fil-ftehimiet ta' sussidju hija l-unika forma ta' finanzjament tar-rikorrenti u mingħajr ebda dubju l-assenza ta' proġetti Ewropej ġodda twassalha għall-falliment.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Jannar 2016 – Premo vs UASI – Prema Semiconductor (PREMO)**

(Kawża T-400/14) <sup>(1)</sup>

(2016/C 098/76)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tar-Raba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 261, 11.8.2014.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Jannar 2016 – Premo vs UASI – Prema Semiconductor (PREMO)**

(Kawża T-440/14) <sup>(1)</sup>

(2016/C 098/77)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tar-Raba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 315, 15.9.2014.

---